# KAPITOLU 248

## ATT DWAR L-ISTAMPA

*Biex jipprovdi, minflok l-Ordinanza dwar l-Istampa, dwar stampat, u dwar xandir.*

23 ta' Awissu, 1974

*L-ATT XL ta' l-1974, u [ie emendat bl-Atti LVIII u LIX ta' l-1974; bl-Avvi\ Legali 148 ta' l-1975; bl-Atti XII u XVII ta' l-1978, VIII ta' l-1990, XII ta' l-1991, X ta' l-1996 u XV ta' l-2000.*

TAQSIM TA' L-ATT


| | | Artikoli |
|---|---|---|
| Taqsima I. | Preliminari | 1-2 |
| Taqsima II. | Reati ta' l-Istampa | 3 - 22 |
| Taqsima III. | Azzjonijiet li jitnisslu minn Reati ta' l-Istampa | 23 - 33 |
| Taqsima IV. | Gazzetti | 34 - 41 |
| Taqsima V. | Servizzi ta' Xandir | 42 - 45 |
| Taqsima VI. | Libertajiet Ġurnalistiċi | 46 - 47 |
| Taqsima VII. | Mixxellanji | 48 - 53 |

## TAQSIMA I

### PRELIMINARI

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dan l-Att hu l-Att dwar l-Istampa.

Tifsir.
*Emendat: X.1996.2.*

**2.** F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"editur" tfisser il-persuna responsabbli għall-pubblikazzjoni ta' kull stampat u dwar gazzetta jew servizz ta' xandir tinkludi kull persuna li tħares id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 35 ta' dan l-Att;

"gazzetta" tfisser kull gazzetta li jkun fiha aħbarijiet, avviżi, informazzjonijiet, ġrajjiet, jew xi kummenti jew osservazzjonijiet fuqhom, stampata għall-bejgħ jew sabiex titqassam bla ħlas jew xort'oħra, u pubblikata kuljum jew kull tant żmien;

"Malta" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"persuna" tinkludi korp ta' persuni sew jekk ikollhom personalità ġuridika distinta sew jekk le;

"pubblikazzjoni" tfisser kull att li bih kull stampat jiġi jew jista' jiġi ikkommunikat jew imgħarraf lil xi persuna jew li bih kliem jew immaġini viżwali jiġu mxandra;

"Reġistratur" tfisser dik il-persuna li l-Prim Ministru jista', minn żmien għal żmien b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, jaħtar bħala Reġistratur ta' l-Istampa għall-finijiet ta' dan l-Att;

"responsabbli għall-pubblikazzjoni" tfisser persuna li tkun sid ta' impriża għall-pubblikazzjoni ta' gazzetta jew li jkollha liċenza għax-xandir u tinkludi kull persuna li jkollha faċilitajiet għall-produzzjoni jew riproduzzjoni ta' kull stampat;

"stampat" tfisser kull kitba stampata b'tipi tipografiċi jew bil-litografija jew b'mezzi jew proċessi oħra bħal dawn fuq karta jew sustanza oħra, kif ukoll kull kartellun jew avviż ieħor li jitwaħħal li jkun fih xi sinjal jew kitba miktuba, stampata, impinġija, riżaltata jew xort'oħra impressa, u tinkludi kull diska, *tape*, film jew mezz ieħor li bih kliem jew immaġini viżwali jistgħu jinstemgħu, jitwasslu jew jiġu riprodotti;

"xandir" tfisser it-trasmissjoni permezz ta' fili jew minn ġewwa l-arja, inkluża wkoll permezz ta' satellita, f'għamla kodifikata jew mhijiex; ta' kliem jew immaġini viżivi, sew jekk dawk il-kliem jew immaġini jkunu fil-fatt riċevuti minn xi persuna sew jekk le.

---

## TAQSIMA II

### REATI TA' L-ISTAMPA

Kif isiru reati kontra dan l-Att.

**3.** Ir-reati msemmija f'din it-Taqsima ta' dan l-Att isiru permezz tal-pubblikazzjoni jew tqassim f'Malta ta' stampat, ikun x'ikun il-post li minnu joriġina dak l-istampat, jew bil-mezz ta' xi

xandir.

**4.** Kull min, b'xi wieħed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, jinċita lil ħaddieħor biex ineħħi l-ħajja jew il-libertà tal-President ta' Malta jew ta' xi Ministru, jeħel, għall-fatt biss ta' l-inċitament, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn disa' snin jew multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira.

Meta wieħed jinċita lil ħaddieħor biex ineħħi l-ħajja jew il-libertà tal-President ta' Malta, eċċ. *Emendat: LVIII.1974.68; A.L. 148 ta' l-1975.*

**5.** (1) Kull min, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, jattribwixxi motivi ulterjuri għall-egħmil tal-President ta' Malta, jew jinsulta jew jinġurja jew jikkaġuna mibegħda jew disprezz jew iqanqal disaffezzjoni kontra, il-persuna tal-President ta' Malta, jeħel meta jinsab ħati priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur u multa ta' mhux iżjed minn mitejn lira.

Imputazzjoni ta' motivi ulterjuri lill-atti tal-President ta' Malta. *Emendat: LVIII. 1974.68; A.L. 148 ta' l-1975; X.1996.3.*

(2) Kull min, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, jinsulta jew juri disprezz lejn il-Bandiera Nazzjonali ta' Malta jeħel meta jinsab ħati priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur u multa ta' mhux iżjed minn mitejn lira.

Disprezz lejn il-bandiera.

**6.** Kull min, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, jhedded, jinsulta, jew jesponi għal mibegħda, persekuzzjoni jew disprezz, lil xi persuna jew grupp ta' persuni minħabba fir-razza, twemmin, kulur, nazzjonalità, sess, diżabilità kif definita fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità jew oriġini nazzjonali jew etnika jeħel meta jinsab ħati priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur u multa.

Razziżmu u reati simili. *Mi\jud: X. 1996.3. Emendat: XV. 2000.18.*

**7.** Kull min, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, direttament jew indirettament, jew bl-użu ta' kliem ekwivoku, joffendi l-moralità pubblika jew il-pudur jeħel meta jinsab ħati priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew multa jew dik il-priġunerija u multa flimkien.

Reat kontra l-morali pubblika.

**8.** Kull min, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, jikxef xi ħaġa sigrieta li tkun ġiet fdata lilu minħabba l-professjoni jew il-kariga tiegħu, jeħel meta jinsab ħati priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew multa jew dik il-priġunerija u multa flimkien.

Kxif ta' sigrieti professjonali. *Emendat: X.1996.4.*

**9.** (1) Kull min dolożament, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, ixerred aħbarijiet foloz illi jistgħu jallarmaw l-opinjoni pubblika, jew jiddisturbaw il-bon ordni jew il-paċi pubblika, jew jistgħu joħolqu aġitazzjoni fost il-pubbliku jew fost ċerti klassijiet tal-pubbliku, jeħel meta jinsab ħati priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew multa jew dik il-priġunerija u multa flimkien:

Pubblikazzjoni doluża ta' aħbarijiet foloz. *Emendat: XVII.1978.2.*

Iżda, jekk ir-reat iwassal għal xi storbju jew jekk ir-reat ikun ikkontribwixxa għall-ġrajja ta' xi storbju, min jagħmel ir-reat jeħel priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn xahar iżda mhux iżjed minn sitt xhur u multa.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, jitqies li wieħed mexa dolożament kemm-il darba l-akkużat ma jippruvax illi, qabel il-

pubblikazzjoni, huwa kien ħa l-passi meħtieġa biex jivverifika l-verità ta' l-aħbar.

Pubblikazzjoni ta' aħbarijiet foloz bi traskuraġni.

**10.** Kull min, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, b'nuqqas ta' diliġenza ordinarja, ixerred aħbarijiet foloz li jistgħu jallarmaw l-opinjoni pubblika, jew jiddisturbaw il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, jeħel meta jinsab ħati multa.

Malafama.
*Emendat: XVI.2006.31.*

**11.** Ħlief kif provdut xort'oħra f'dan l-Att, kull min, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3, jagħti malafama lil xi persuna, jista' meta jinsab ħati, jeħel multa.

Il-prova tal-verità.

**12.** (1) F'kull kawża ta' libell minħabba malafama taħt l-artikolu 11 ta' dan l-Att, il-prova tal-verità tal-fatti attribwiti hija ammessa jekk l-akkużat, fl-istadju preliminari tal-kawża, jieħu r-responsabbiltà kollha ta' malafama li tagħha huwa akkużat u jiddikjara illi b'difiża tiegħu huwa jrid jipprova l-verità tal-fatti attribwiti minnu lill-parti offiża:

Iżda l-prova tal-verità tal-fatti attribwiti hija ammessa biss fil-każ li l-persuna offiża -

(*a*) tkun uffiċjal jew impjegat pubbliku u l-fatti attribwiti lilha huma dwar l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha; jew

(*b*) tkun kandidat għal kariga pubblika u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar l-onestà, il-ħila jew il-kompetenza tagħha li tokkupa dik il-kariga; jew

(`) abitwalment teżerċita professjoni, arti jew sengħa, u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar l-eżerċizzju ta' dik il-professjoni, arti jew sengħa; jew

(*d*) tieħu parti attiva fil-politika u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar il-parti li hi tieħu fil-politika; jew

(*e*) jkollha kariga ta' fiduċja fi kwistjoni ta' interess pubbliku ġenerali:

Iżda wkoll il-prova tal-verità tal-fatti attribwiti ma hijiex ammessa jekk dawk il-fatti ikunu dwar il-ħajja domestika ta' l-offiż.

(2) Jekk il-verità tal-fatti attribwiti tiġi ammessa skond id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu -

(*a*) jekk il-verità tal-fatti attribwiti tkun sostanzjalment ippruvata, l-akkużat ma jeħel ebda piena jekk il-qorti tkun sodisfatta illi l-prova tal-verità saret fl-interess pubbliku u hu jkollu jedd għall-ħlas lura mingħand il-

kwerelant jew l-attur ta' l-ispejjeż li jkun għamel f'xi proċedimenti kriminali jew ċivili:

Iżda il-prova tal-verità tal-fatti attribwiti ma teħlisx lill-akkużat mill-piena għal insulti, akkużi jew allegazzjonijiet illi l-qorti jkun jidhrilha li ma kenux meħtieġa li jiġu attribwiti lill-persuna offiża l-fatti li l-prova tagħhom tkun ġiet ammessa;

(*b*) jekk il-verità tal-fatti attribwiti ma tkunx sostanzjalment ippruvata, l-akkużat jeħel priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira jew dik il-priġunerija u multa flimkien.

Privileġġ kwalifikat. *Mi\jud: X. 1996.6.*

**12A.** Fi proċeduri meħuda in forza ta' dan l-Att tkun difiża għall-editur jew għar-responsabbli għall-pubblikazzjoni li jipprova li l-informazzjoni pubblikata kienet tikkonsisti f'rapport preċiż ta' diskors li sar f'avveniment pubbliku importanti minn persuna identifikata u li kienet taf jew raġonevolment setgħet tkun taf jew tistenna li l-kontenut ta' dak id-diskors se jiġi pubblikat f'gazzetta jew f'mezz tax-xandir, u li l-pubblikazzjoni ta' l-istess diskors kienet raġonevolment ġustifikabbli f'soċjetà demokratika.

Pubblikazzjoni ta' fatti bil-ħsieb li wieħed jestorċi flus.

**13.** Kull min, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, jippubblika jew jhedded li jippubblika fatti dwar xi persuna oħra bil-għan li jestorċi flus jew ħaġa oħra li tiswa flus jew xi vantaġġ ieħor, jeħel meta jinsab ħati priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn u multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira.

Istigazzjoni għal reat. *Emendat: X.1996.7.*

**14.** Ħlief kif provdut xort'oħra f'dan l-Att, kull min, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, jistiga direttament l-egħmil ta' reat, għall-fatt biss ta' l-istigazzjoni, jeħel -

(*a*) priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tmintax-il xahar u multa fil-każ ta' reat li jaqa' taħt il-piena ogħla minn priġunerija għal tliet snin;

(*b*) priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur u multa fil-każ ta' reat li jaqa' taħt il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' iżjed minn sena iżda mhux iżjed minn tliet snin;

( `) multa ta' mhux iżjed minn mitejn lira jew detenzjoni fil-każ ta' kull reat ieħor.

Ġustifikazzjoni ta' delitti.

**15.** Kull min, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, jiġġustifika jew jiskuża l-egħmil ta' xi delitt jeħel meta jinsab ħati priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew multa.

Inċitament għall-ksur tal-liġi.

**16.** Kull min, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, jinċita direttament lil xi persuna biex tikser il-liġi jeħel, għall-fatt biss ta' l-inċitament, priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur.

Meta istigazzjoni jew inċitament joħloq effett.

**17.** Meta l-istigazzjoni jew l-inċitament b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att biex isir xi reat ikollu l-effett tiegħu, il-persuni responsabbli għall-istigazzjoni jew għall-inċitament jeħlu l-piena stabbilita għar-reat li jkun sar imnaqqsa bi grad wieħed.

Importazzjoni ta' stampati.

**18.** Jekk xi persuna timporta f'Malta xi stampat li jkun kopja ta' ħaġa li qabel tkun ġiet xjentement mibgħuta għall-pubblikazzjoni barra minn Malta u li kieku ġiet ippubblikata f'Malta dik il-persuna kienet tkun ħatja ta' reat taħt din it-Taqsima ta' dan l-Att, dik il-persuna teħel l-istess piena daqslikieku l-pubblikazzjoni saret f'Malta.

Bejgħ ta' stampat inkriminat.

**19.** Kull persuna li xjentement tbiegħ jew toffri għall-bejgħ jew tqassam jew timporta għall-bejgħ jew għat-tqassim xi stampat li bih isir reat kontra dan l-Att titqies li hi kompliċi u teħel l-istess piena bħall-awtur prinċipali.

Pubblikazzjoni tas-sentenza fil-każ li persuna tinsab ħatja taħt l-artikolu 11. *Emendat: X.1996.8.*

**20.** (1) Fil-każ li persuna tinsab ħatja taħt l-artikolu 11 ta' dan l-Att, u jekk hekk mitlub mill-parti offiża, il-qorti għandha tordna fis-sentenza, fil-każ ta' gazzetta li f'ħarġa tagħha ta' wara li ma tkunx iżjed tard mit-tieni waħda, u fil-każ ta' mezz tax-xandir fil-ġurnata li tiġi minnufih wara dik li fiha tingħata s-sentenza, li s-sentenza nnifisha jew sommarju komprensiv tagħha jiġi pubblikat jew imxandar, skond il-każ, fl-istess ilsien li fih ikun sar ir-reat, mingħajr ħlas; u jekk fil-ħin tas-sentenza jew minnufih wara l-gazzetta tkun waqfet mill-pubblikazzjoni jew il-mezz tax-xandir ma jkunx baqa' jaħdem, jew fil-każ ta' xi stampat ieħor, il-qorti għandha, fis-sentenza jew f'ordni li tagħti wara, tordna li dik is-sentenza jew dak is-sommarju jiġi pubblikat jew imxandar għas-spejjeż tal-parti misjuba ħatja f'gazzetta oħra jew fuq mezz ieħor ta' xandir fi żmien li ma jkunx iktar minn xahar.

(2) Fin-nuqqas ta' tħaris ta' kull ordni bħal dak il-parti li tinsab ħatja teħel li tħallas lill-kwerelant penali ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira.

(3) L-azzjoni għall-ġbir ta' dik il-penali ssir mill-kwerelant quddiem il-qorti li tagħmel l-ordni.

Dritt ta' risposta. *Emendat: XVII.1978.3; X.1996.9.*

**21.** (1) Kull persuna li l-azzjonijiet jew l-intenzjonijiet tagħha jkunu ġew imfissra ħażin jew li tiġi esposta għal attakk fuq l-unur, id-dinjità jew ir-reputazzjoni tagħha jew għal indħil fil-ħajja privata tagħha permezz ta' jew f'gazzetta jew f'xi xandira jkollha d-dritt li titlob u li tiġi pubblikata minnufih, mingħajr ħlas, fl-istess gazzetta jew fuq l-istess mezz ta' xandir, skond il-każ, dikjarazzjoni bħala kontradizzjoni jew spjegazzjoni:

Iżda dan l-artikolu ma japplikax meta t-tifsir ħażin jiġri f'xandira ta' xorta politika li tkun parti minn skema approvata mill-Awtorità tax-Xandir jekk it-tifsir ħażin ikun jista' jiġi kontradett jew spjegat f'xandira oħra li tagħmel parti mill-istess skema jew mill-persuna li l-azzjonijiet jew l-intenzjonijiet tagħha jkunu ġew imfissra ħażin jew minn persuna oħra li jkollha d-dritt li tieħu sehem f'dik ix-xandira l-oħra f'isem il-partit li miegħu tkun tagħmel il-persuna li l-azzjonijiet jew l-intenzjonijiet tagħha jkunu ġew imfissra ħażin:

Iżda wkoll ebda persuna ma tkun meħtieġa li tippubblika dikjarazzjoni, bħala kontradizzjoni jew spjegazzjoni, li tkun inġurjuża, jew li ma tkunx miktuba bil-lingwa tal-gazzetta, jew b'xi waħda mill-lingwi wżati mill-mezz tax-xandir, li fiha jew fuqu tkun intalbet li tiġi pubblikata.

(2) Fil-każ ta' gazzetta, risposta skond ma hemm fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha tiġi ppubblikata bħala artikolu separat u mingħajr ma jiddaħħlu fih xi kummenti jew jidher xi materjal ieħor li ma jkunx jagħmel parti mir-risposta, u dan bi prominenza ugwali għall-pubblikazzjoni li dwarha tkun qed issir ir-risposta u ħadd ma jkun jista' jqassar jew jeditja r-risposta b'mod li jippreġudika t-twettiq effettiv tad-dritt ta' risposta skond dan l-artikolu. Dik id-dikjarazzjoni għandha tiġi ppubblikata mhux iktar tard mit-tieni ħarġa tal-gazzetta wara li tiġi riċevuta t-talba:

Iżda meta jintgħamel użu mid-dritt ta' risposta għar-rigward ta' pubblikazzjoni f'gazzetta li toħroġ f'intervalli ta' mill-anqas ġimgħa, dik id-dikjarazzjoni għandha tiġi ppubblikata fil-ħarġa li tiġi minnufih wara li tiġi riċevuta t-talba jekk dik it-talba tiġi riċevuta mill-inqas erbat ijiem qabel il-pubblikazzjoni ta' dik il-ħarġa u mhux iktar tard mit-tieni ħarġa li tiġi wara li tkun ġiet riċevuta t-talba fil-każijiet l-oħra kollha.

(3) Fil-każ ta' xandira, dikjarazzjoni skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha tiġi mxandra mhux iktar tard minn jumejn wara li tiġi riċevuta t-talba; din id-dikjarazzjoni għandha tiġi mxandra b'mod u fil-ħin li tilħaq kemm jista' jkun l-istess semmiegħa u bl-istess prominenza, u l-ħin allokat għandu jkun ħin li jkun id-doppju tal-ħin tax-xandira jew ta' parti mix-xandira li dwarha jsir l-ilment iżda li ma jkunx inqas minn disgħin sekonda u mhux iżjed minn mija u tmenin sekonda.

(4) Editur ta' gazzetta jew il-*manager* jew persuna oħra responsabbli għall-mezz tax-xandir li tonqos li tħares xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu teħel multa meta tinsab ħatja ta' mhux inqas minn mitejn lira u fil-każ li tinstab hekk ħatja l-qorti tista' fis-sentenza tagħha toħroġ dawk l-ordnijiet fuq il-persuna li tinstab ħatja hekk kif tqis li jkun xieraq sabiex tassigura li jkun hemm rispett lejn id-dritt ta' risposta mogħti b'dan l-artikolu. Fin-nuqqas ta' tħaris ta' xi ordni bħal dik il-persuna li tinstab ħatja jkollha tħallas lill-kwerelant penali li ma tkunx ta' iktar minn ħames mitt lira u li tkun esegwibbli mill-istess qorti.

(5) Il-pubblikazzjoni ta' kull dikjarazzjoni kif meħtieġa b'dan l-artikolu jew xi piena bis-saħħa tiegħu ma jneħħux il-jedd li tittieħed xi azzjoni oħra taħt dan l-Att.

(6) Dan l-artikolu ma japplikax għal pubblikazzjoni msemmija fl-artikolu 33 ta' dan l-Att f'każijiet meta ma tkun tista' tittieħed ebda azzjoni taħt dak l-artikolu dwar dik il-pubblikazzjoni.

(7) Id-dritt ta' risposta skond dan l-artikolu jiskadi jekk min ikun qiegħed jitlob dan il-jedd ma jkunx għamel it-talba tiegħu fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni tal-gazzetta jew mix-xandira li dwarhom ikun jista' jitwettaq dak id-dritt.

Riżerva ta' liġijiet oħra.
*Emendat: X.1996.10.*
Kap. 9.

**22.** Meta xi egħmil li jsir b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att jikkostitwixxi skond il-Kodiċi Kriminali jew skond xi liġi oħra reat li għalih ma hawnx provdut f'dan l-Att jew li dwaru hemm piena ogħla minn dik imposta b'dan l-Att, għandu japplika dak il-Kodiċi jew dik il-liġi l-oħra.

---

## TAQSIMA III

### AZZJONIJIET LI JITNISSLU MINN REATI TA' L-ISTAMPA

Persuni li kontra tagħhom jistgħu jitmexxew azzjonijiet.
*Sostitwit: X. 1996.11.*

**23.** L-azzjoni kriminali għal xi reat taħt it-Taqsima II u l-azzjoni ċivili taħt it-Taqsima III ta' dan l-Att tista' tittieħed kontra kull waħda minn dawn il-persuni li ġejjin:

(*a*) l-awtur tal-kitba, jekk huwa jkun kitibha sabiex tiġi ppubblikata, jew jekk ikun ta l-kunsens tiegħu għal hekk;

(*b*) l-editur;

jew, jekk dawk il-persuni ma jkunux jistgħu jiġu identifikati,

(`) ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni.

M'hijiex ammessa prova li l-kitba hija kopja.

**24.** Ebda waħda mill-persuni msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan ma tista' tipprova, b'difiża tagħha, li l-kitba hija kopja, jew estratt, jew sommarju, jew traduzzjoni ta' kitba oħra li diġà ġiet stampata jew pubblikata xort'oħra.

Persuna li tagħmel diskors pubbliku.
*Mi\jud: X.1996.12.*

**24A.** L-azzjonijiet kriminali u ċivili msemmija fl-artikolu 23 ta' dan l-Att jistgħu jittieħdu wkoll kontra kull persuna li tkun għamlet diskors pubbliku f'ċirkostanzi fejn hija tkun taf jew raġonevolment setgħet tkun taf jew tistenna li l-kontenut tiegħu se jiġi pubblikat f'gazzetta jew f'mezz tax-xandir u fil-fatt ikun kollu jew parti minnu hekk ippubblikat.

L-editur, eċċ., jitqies li aġixxa xjentement.
*Emendat: X.1996.13.*

**25.** (1) Il-persuni msemmija fl-artikolu 23 ta' dan l-Att jitqiesu li aġixxew xjentement, jekk ma jiġix ippruvat il-kuntrarju.

(2) L-editur u, meta jkun japplika, r-responsabbli għall-pubblikazzjoni jitqiesu li aġixxew xjentement jekk, għalkemm kienu jafu x'kien fihom il-gazzetta, x-xandira jew kull stampat ieħor, skond il-każ, f'xi żmien qabel il-pubblikazzjoni tagħha, ma żammewx dik il-pubblikazzjoni.

Piena għal stampatur jew editur li ma jkunx aġixxa xjentement.
*Emendat: X.1996.14.*

**26.** Il-persuni msemmija fl-artikolu 23 ta' dan l-Att, li ma jkunux aġixxew xjentement, ikunu ħatja għall-pieni ta' kontravvenzjonijiet.

L-azzjoni kriminali indipendenti mill-azzjoni ċivili.

**27.** L-azzjoni kriminali hija indipendenti mill-azzjoni ċivili. Iż-żewġ azzjonijiet jistgħu jsiru fl-istess żmien jew separatament.

Danni għal malafama.
*Emendat: X.1996.15.*

**28.** (1) Fil-każ ta' malafama, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, li l-għan tagħha jkun li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna, il-qorti ċivili kompetenti tista', minbarra d-danni li jistgħu jintalbu taħt xi liġi li tkun fis-seħħ f'dak

iż-żmien dwar telf jew ħsara attwali, tagħti lill-persuna offiża somma ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira.

(2) F'kull każ li għalih japplika dan l-artikolu, il-konvenut jista', bi tnaqqis tad-danni, jipprova li hu jkun għamel jew offra li jagħmel apoloġija lill-attur dwar dik il-malafama qabel ma tkun inbdiet l-azzjoni għad-danni jew, kemm jista' jkun malajr wara malli kellu l-opportunità li hekk jagħmel f'każ li l-azzjoni tkun inbdiet qabel kellu l-opportunità li jagħmel jew li joffri li jagħmel dik l-apoloġija:

Iżda l-konvenut ma jistax iġib dik il-prova bi tnaqqis ta' danni jekk hu jkun ġieb il-prova tal-verità skond l-artikolu 12 ta' dan l-Att.

Inġurja ta' isem u malafama ta' negozju. *Emendat: X.1996.16.*

**29.** Kull min, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, jippubblika xi dikjarazzjoni li jkun jaf li hi jew bid-diliġenza xierqa seta' jkun jaf li hi falza u li x'aktarx tagħmel ħsara lil xi negozju jew proprjetà oħra, jeħel li jħallas, minbarra d-danni li jkollhom jitħallsu taħt xi liġi oħra li tkun isseħħ dwar kull telf jew ħsara attwali, somma ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira li tiġi stabbilita mill-qorti kompetenti.

Azzjoni separata dwar kull imputazzjoni separata. *Emendat: X.1996.17.*

**30.** Tista' tittieħed azzjoni għal kull waħda mill-imputazzjonijiet fl-istess libell, u l-persuni li jkollhom x'jaqsmu mal-libell tista' tittieħed azzjoni kontrihom sew flimkien jew separatament:

Iżda l-ammont tad-danni jew penali li jistgħu jinġabru dwar l-istess libell ma għandux ikun iżjed minn ħamest elef lira.

Il-proċedimenti jinbdew bi kwerela tal-parti offiża. *Emendat: X.1996.18.* Kap. 9.

**31.** (1) L-azzjoni kriminali għal kull reat taħt l-artikoli 11 u 21 jistgħu jinbdew biss bi kwerela tal-parti offiża jew tal-persuni msemmija fl-artikolu 542 tal-Kodiċi Kriminali.

(2) Id-disposizzjonijiet kollha tal-Kodiċi Kriminali dwar proċedimenti bi kwerela privata, magħduda b'mod partikolari d-disposizzjoni ta' l-artikolu 373 ta' dak il-Kodiċi, għandhom, safejn applikabbli, japplikaw għal proċedimenti fuq kwerela privata taħt dan l-artikolu:

Kap. 9.

Iżda d-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*d*) ta' l-artikolu 374 tal-Kodiċi Kriminali ma għandhomx ikunu japplikaw għar-rigward ta' proċedimenti kriminali mibdija skond id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu wara li l-kwerelant ikun ikkonferma l-kwerela tiegħu bil-ġurament quddiem il-qorti u jekk il-kwerelant jonqos milli jidher fil-qorti f'xi stadju tal-proċedimenti dan ma għandux jitqies bħala xi deserzjoni tal-proċedimenti jew xi ċessjoni tal-kwerela jekk dak in-nuqqas jiġi wara li l-kwerelant ikun ikkonferma bil-ġurament il-kwerela tiegħu qabel imsemmija.

Preskrizzjoni għal azzjonijiet u prosekuzzjonijiet.

**32.** L-azzjoni kriminali għal kull reat taħt it-Taqsima II ta' dan l-Att u l-azzjoni ċivili taħt l-artikoli 28 u 29 jaqgħu bil-preskrizzjoni wara li tgħaddi sena.

Pubblikazzjonijiet privileġġati. *Emendat: LVIII. 1974.68; A.L. 148 ta' l-1975; XII.1978.11; X.1996.19.*

**33.** Ma tista' tittieħed ebda azzjoni dwar il-pubblikazzjonijiet li ġejjin:

(*a*) pubblikazzjonijiet magħmula bis-saħħa ta' Att tal-Parlament jew bl-awtorità tal-President ta' Malta jew tal-Kamra tad-Deputati;

(*b*) pubblikazzjonijiet li jikkonsistu f'komunikazzjonijiet bejn uffiċjali pubbliċi, jew bejn uffiċjali u kuntratturi bħal dawk tas-servizz pubbliku jew uffiċjali ta' korporazzjonijiet pubbliċi, rapporti ta' inkjesti magħmula skond kull liġi, jew dikjarazzjonijiet ta' uffiċjali pubbliċi magħmula *in bona fede* fl-interess tas-sigurtà nazzjonali, integrità territorjali, inkolumità pubblika, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-għemil ta' delitti, jew għall-ħarsien tas-saħħa jew morali;

(`) pubblikazzjonijiet ta' rapporti bona fidi ta' dibattiti tal-Kamra tad-Deputati, kemm-il darba tkun pubblikata l-parti rilevanti tad-dibattiment, u ma tiġix maqbuża jew b'ħażen jew bi traskuraġni mbiddla jew imqassra d-difiża tal-persuna li tkun ġiet attakkata;

(*d*) pubblikazzjonijiet ta' rapporti ta' proċedimenti f'qorti tal-ġustizzja f'Malta, kemm-il darba dawk ir-rapporti jkunu rapporti ġusti tal-proċedimenti u l-pubblikazzjoni ta' dawk ir-rapporti jew proċedimenti ma tkunx projbita b'liġi jew mill-qorti:

Iżda ma jkunux jistgħu jiġu pubblikati:

Kap. 12.

(*a*) xi ħaġa li, bl-artikolu 994 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hi projbita li tiġi wżata jew prodotta, jew

(*b*) xi rapport tal-proċedimenti f'xi każ ta' malafama, li fiha l-prova tal-verità tal-fatti attribwiti ma tkunx tista' ssir bil-liġi.

---

## TAQSIMA IV

### GAZZETTI

Min jista' jkun editur. *Emendat: X.1996.20.*

**34.** Kull min ikun residenti f'Malta u jkun għalaq it-tmintax-il sena jista' jkun editur ta' gazzetta.

Dmirijiet ta' editur u ta' r-responsabbli għall-pubblikazzjoni. *Emendat: X.1996.21.*

**35.** (1) Kull min ikun l-editur jew ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni ta' gazzetta għandu, fi żmien għaxart ijiem li jsir editur jew ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni, skond il-każ, jipproduċi lir-Reġistratur dikjarazzjoni li jkun fiha -

(*a*) fil-każ ta' l-editur -

(i) ismu u kunjomu, numru tal-karta ta' identità, l-età u l-post tar-residenza tiegħu; u

(ii) l-isem u x-xorta tal-gazzetta, u kull meta jkun

maħsub li tiġi pubblikata; u

(*b*) fil-każ ta' r-responsabbli għall-pubblikazzjoni -

(i) jekk ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni jkun individwu, ismu u kunjomu, l-età, il-post tar-residenza tiegħu u numru tal-karta ta' l-identità;

(ii) jekk ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni tkun kumpannija jew xi assoċjazzjoni oħra ta' persuni, isimha, l-indirizz tagħha, il-partikolaritajiet imsemmija fis-subparagrafu (i) dwar ir-rappreżentant ġuridiku tagħha, u, meta dan ikun japplika, in-numru ta' reġistrazzjoni tagħha bħala kumpannija jew soċjetà;

(iii) l-isem u x-xorta tal-gazzetta u kull meta jkun maħsub li tiġi pubblikata; u

(iv) l-isem u l-indirizz ta' l-istamperija fejn tkun se ssir l-istampa;

u kemm l-editur kif ukoll ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni ta' kull gazzetta għandu jżomm lir-Reġistratur f'kull ħin imgħarraf bil-post tar-residenza tiegħu u għandu jibgħat lir-Reġistratur kull tibdil fil-post ta' residenza tiegħu fi żmien għaxart ijiem minn dak it-tibdil.

(2) Jekk xi persuna tonqos li tħares xi waħda mid-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu teħel, meta tinsab ħatja, multa.

**36.** (1) Ir-Reġistratur għandu jżomm reġistru tal-gazzetti u jdaħħal fih il-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 35 u kull tibdil li jsir fihom, u għandu jagħmel fih dak id-dħul fihom u dawk it-tibdiliet dwarhom li jkunu xierqa jew li jistgħu jiġu preskritti b'regolamenti magħmula skond dan l-Att. Reġistratur ta' gazzetti.

(2) Kull persuna tista' tispezzjona r-reġistru fil-ħinijiet kollha xierqa matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju u tista' wkoll, mal-ħlas tad-dritt xieraq, titlob kopja awtentikata ta' kull reġistrazzjoni fi, jew kull estratt minn, ir-reġistru miżmum skond dan l-artikolu.

(3) Ir-Reġistratur għandu jħassar ir-reġistrazzjoni ta' gazzetta -

(*a*) jekk ikun mitlub li hekk jagħmel mill-editur tagħha; jew

(*b*) jekk, fil-każ ta' gazzetta pubblikata f'intervalli ta' mhux iżjed minn xahar, dik il-gazzetta ma tiġix pubblikata għal żmien li ma jkunx iktar minn tliet xhur, u, fil-każ ta' kull gazzetta oħra, jekk ma tiġix pubblikata għal żmien ta' iktar minn sena.

**37.** Kull editur ta' gazzetta għandu jagħti, mingħajr ħlas, lir-Reġistratur, lill-Avukat Ġenerali u lill-Kummissarju tal-Pulizija kopja ta' kull ħarġa ta' dik il-gazzetta, mhux iktar tard mill-ġurnata li tiġi wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha, u f'nuqqas ta' dan, jeħel ammenda ta' lira għal kull kopja li jonqos li jagħti. Kunsinna ta' kopji tal-gazzetta. *Emendat: LVIII.1974.68; X.1996.22.*

Min jinsab ħati jitqies li ġie kundannat.

**38.** *Im]assar bl-Att X.1996.23.*

Dikjarazzjonijiet foloz.

**39.** Meta ssir xi dikjarazzjoni falza fil-partikolaritajiet meħtieġa taħt l-artikolu 35 ta' dan l-Att min jagħmel ir-reat jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur.

Preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali.

**40.** (1) L-azzjoni kriminali għal kull reat taħt din it-Taqsima taqa' bi preskrizzjoni wara tliet xhur.

(2) B'danakollu l-azzjoni kriminali għar-reat imsemmi fl-artikolu 39 taqa' bi preskrizzjoni wara sena.

Eċċezzjonijiet. *Sostitwit: X.1996.24.*

**41.** Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ma għandhomx japplikaw għall-pubblikazzjonijiet perjodiċi ippubblikati minn, jew b'ordni jew permess ta' jew għall-użu ta', il-Gvern ta' Malta jew kull Ministeru jew Dipartiment tiegħu jew il-Kamra tad-Deputati.

---

*Mi\juda: XII. 1991.43. Sostitwita: X.1996.25.*

## TAQSIMA V

### SERVIZZI TA' XANDIR

Edituri ta' servizzi ta' xandir.

**42.** Kull detentur ta' liċenza tax-xandir f'Malta għandu jaħtar persuna li jkollha l-kwalifiki elenkati fl-artikolu 34 sabiex tagħmilha ta' editur ta', u tkun editorjalment responsabbli għas-servizz ta' xandir provdut skond dik il-liċenza.

Applikabilità ta' l-artikoli 35, 36, 39 u 40.

**43.** Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 35, 36, 39 u 40 ta' dan l-Att għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għall-edituri ta' servizzi ta' xandir u għal detenturi ta' liċenzi tax-xandir hekk kif japplikaw għall-edituri ta' gazzetti u għall-gazzetti rispettivament.

Dmirijiet ta' l-edituri.

**44.** L-edituri tas-servizzi tax-xandir għandu jkollhom l-istess dmirijiet u obbligi taħt dan l-Att skond ma għandhom bl-istess Att l-edituri tal-gazzetti.

Tifsir.

Kap. 350.

**45.** Għall-għanijiet ta' din it-Taqsima l-frażi "liċenza tax-xandir" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fl-Att dwar ix-Xandir.

---

*Sostitwita: X. 1996.26.*

## TAQSIMA VI

### LIBERTAJIET ĠURNALISTIĊI

Konfidenzjalità ta' sorsi.

**46.** Ebda qorti ma għandha teħtieġ li persuna msemmija fl-artikolu 23 ta' dan l-Att tikxef, anqas ma għandha dik il-persuna tkun ħatja ta' disprezz lejn l-awtorità tal-qorti talli ma tkunx trid tikxef, is-sorsi ta' informazzjoni li tkun tinsab f'gazzetta jew xandira li hija tkun responsabbli għaliha, kemm-il darba ma jiġix stabbilit għas-sodisfazzjon tal-qorti li dak il-kxif ikun meħtieġ fl-interess tas-sigurtà nazzjonali, integrità territorjali jew inkolumità pubblika, jew għat-tħaris mid-diżordni jew kriminalità, jew għall-

ħarsien ta' l-interessi tal-ġustizzja:

Iżda l-qorti m'għandhiex tordna dak il-kxif sakemm ma tkunx ukoll sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ il-ħtieġa li l-qorti tagħmel investigazzjoni tkun ikbar mill-ħtieġa tal-*media* li jipproteġu s-sorsi ta' informazzjoni tagħhom, wara li jitqies sew ir-rwol tal-*media* f'soċjetà demokratika:

Iżda wkoll, ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha titfisser bħala li teżenta lil xi persuna msemmija fl-artikolu 23 ta' dan l-Att milli ġġib prova dwar il-verità ta' xi fatti minnha attribwiti skond ma hemm fl-artikolu 12 ta' dan l-Att.

Aċċess għal tagħrif li jkollu l-Gvern.

**47.** (1) Il-Gvern ta' Malta għandu jistabbilixxi proċeduri sabiex jagħti lir-rappreżentanti ta' l-istampa dak it-tagħrif li jgħinhom iwettqu d-dmirijiet pubbliċi tagħhom.

(2) Is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma għandux jibqa' japplika f'dawn il-każijiet li ġejjin:

(*a*) meta dak it-tagħrif jista' jfixkel, iwaqqaf, idewwem jew jipperikola l-proċess xieraq ta' proċedimenti legali pendenti jew meta l-Gvern jew awtorità pubblika oħra jkollhom il-jedd legali li jirrifjutaw milli jagħtu dak it-tagħrif f'qorti jew quddiem xi tribunal ieħor imwaqqaf b'liġi;

(*b*) meta l-għoti ta' dak it-tagħrif jinvolvi l-kxif ta' tagħrif riċevut mill-Gvern b'mod konfidenzjali;

( `) meta dak it-tagħrif ikun jikser xi interess pubbliku li jirbaħ fuq kollox jew xi interess privat li jkun jeħtieġ ħarsien;

(*d*) meta t-tagħrif ikun jirrigwarda ħwejjeġ li jkollhom x'jaqsmu mas-sigurtà nazzjonali jew inkolumità pubblika;

(*e*) meta l-proċess tal-ġbir tat-tagħrif meħtieġ ikun iqiegħed piż sproporzjonat fuq l-amministrazzjoni pubblika.

(3) Il-Gvern ma jistax joħroġ struzzjonijiet ġenerali li jipprojbixxu l-għoti ta' tagħrif lil xi gazzetta jew servizz ta' xandir liċenzjat li jkollhom xi fehma partikolari jew lil xi gazzetta jew servizz ta' xandir liċenzjat speċifiċi.

---

## TAQSIMA VII

### MIXXELLANJI

Jedd ta' appell.
*Emendat:*
*LIX. 1974.2;*
*VIII.1990.3;*
*X.1996.27.*

**48.** Kull deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati dwar reat taħt dan l-Att tista', fil-każijiet kollha, tiġi appellata mill-Avukat Ġenerali jew mill-kwerelant, skond il-każ, u mill-parti misjuba ħatja.

Reati minn korp ta' persuni.
*Emendat: X.1996.27.*

**49.** Meta xi reat taħt dan l-Att isir minn korp ta' persuni kull persuna li, fil-ħin ta' l-egħmil tar-reat kienet direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal ieħor simili ta' dak il-korp ta' persuni jew kienet tidher li qed taġixxi f'xi kariga bħal dik tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinsab ħatja l-istess piena għal dak ir-reat kemm-il darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun użat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat.

Regolamenti.
*Emendat: X.1996.27.*

**50.** Il-Prim Ministru jista' jagħmel, u meta jkun għamel, jista' jemenda jew iħassar, regolamenti sabiex iseħħu d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u b'mod partikolari iżda bla ħsara għall-ġeneralita ta' dak li ntqal qabel, biex jippreskrivi kull ħaġa li għandha jew li tista' tiġi preskritta b'dan l-Att.

Obbligazzjonijiet ta' trasparenza.
*Sostitwit: X. 1996.29.*

**51.** (1) Kull gazzetta li tiġi ppubblikata f'Malta għandha turi isem ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni tagħha, u d-data meta tkun ġiet stampata.

(2) Ir-Reġistratur jista' skond il-liġi jitlob u jikseb informazzjoni mingħand xi persuna dwar min ikun is-sid ta' gazzetta li tiġi ppubblikata f'Malta jew ta' kumpannija li tkun, jew assoċjazzjoni oħra ta' persuni li jkunu, jew li kienu f'xi żmien, b'mod dirett jew indirett, is-sid ta' dik il-gazzetta jew rigward it-trasferiment ta' ishma jew il-kontroll ta' xi kumpannija bħala dik.

(3) L-informazzjoni mitluba mir-Reġistratur skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu għandha tingħata fi żmien għaxart ijiem minn meta l-persuna meħtieġa li tagħti l-informazzjoni taslilha t-talba għal dik l-informazzjoni, u din għandha tiddaħħal mir-Reġistratur fir-reġistru tal-gazzetti.

(4) Kull min jikser id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jeħel meta jinsab ħati multa.

Certifikat mir-Reġistratur ikun prova.
*Mi\jud: X. 1996.29.*

**52.** F'kull proċeduri quddiem xi qorti, tribunal jew bord imwaqqfa b'liġi, ċertifikat maħruġ u ffirmat mir-Reġistratur li juri min huwa, jew min f'xi żmien kien l-editur, jew ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni ta' xi gazzetta jew ta' servizz ta' xandir, ikun prova tal-kontenut tiegħu sakemm ma jiġix pruvat il-kuntrarju.

Disposizzjoni transitorja.
*Mi\jud: X. 1996.29.*

**53.** Id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Istampa kif fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-Att ta' l-1996 li jemenda l-Att dwar l-Istampa, għandhom jibqgħu japplikaw għar-rigward ta' kull azzjoni ċivili jew kriminali, jedd għal azzjoni, jedd jew obbligu li għandhom x'jaqsmu ma' jew li jitnisslu minn xi pubblikazzjoni magħmula qabel id-dħul fis-seħħ ta' dak l-Att:

Iżda d-disposizzjonijiet tal-*proviso* għas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 31, ta' l-artikolu 46, u ta' l-artikolu 52 kif introddoti bl-Att ta' l-1996 li jemenda l-Att dwar l-Istampa għandhom japplikaw b'effett immedjat.